*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,331, 15 ta' Frar, 1977*
*Taqsima C*

**Nru. 13**

15. 2. 77

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-31 ta' Jannar, 1977.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1965 dwar iċ-Ċittadinanza Maltija.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs, and read the First time at the Sitting of the 31st January, 1977.

**AN ACT further to amend the Maltese Citizenship Act, 1965.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1965 dwar iċ-Ċittadinanza Maltija.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1977 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1965 dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "li jkunu ġew adottati skond il-liġi" għandhom jidħlu l-kliem "qabel l-1 ta' Jannar, 1977"; u

(b) fit-tarf tiegħu għandhom jiżdiedu l-kliem "Għall-finijiet ta' dan l-Att, adozzjoni li tkun saret fl-1 jew wara l-1 ta' Jannar, 1977, tkun mingħajr effett u kull persuna adottata wara dik id-data titqies li ma ġietx adottata".

---

### Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza b'mod li l-adozzjoni ma jibqax ikollha effett awtomatiku fuq in-nazzjonalità tal-persuna adottata.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Maltese Citizenship Act, 1965.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Maltese Citizenship (Amendment) Act, 1977, and shall be read and construed as one with the Maltese Citizenship Act, 1965, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title and commencement.

**2.** Subsection (1) of section 11 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of section 11 of the principal Act.

(a) immediately after the words "who has been lawfully adopted" there shall be inserted the words "before 1st January, 1977"; and

(b) at the end thereof there shall be added the words "For the purposes of this Act, an adoption made on or after 1st January, 1977, shall be without effect and any person adopted after that date shall be treated as if he had not been adopted".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to amend the Citizenship Act in a way that adoption will not have any longer an automatic effect on the nationality of the adopted person.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*

Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*

Prezz 1c — *Price 1c*